# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Rikors Ġuramentat Numru: 94/2018 PC**

**Fabio Azzopardi bħala mandatarju tal-imsifrin Mary Anne mart Joseph Attard u Angiolina mart Leone Sultana rispettivament kif awtorizzat bi prokura**

**vs**

**Dr. Mario Scerri li b'digriet tat-30 ta' Novembru 2018 ġie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapreżenta lill-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina nee' Galea**

**Illum l-Ħamis, 6 ta' Ġunju 2019**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Ġuramentat li permezz tiegħu l-attur nomine, wara li ppremetta:

1. Illi Victoria armla ta' Serafin Spiteri, bint il-mejtin Angelo Galea u Maria nee' Gauci, mietet f'Victoria, Għawdex fit-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003) – Dok. B;

2. Illi hija rregolat is-suċċessjoni tagħha bis-saħħa ta' żewġ testmenti unika karta flimkien ma' żewġha fl-atti tan-Nutar Antonio Galea tal-ħamsa u għoxrin (25) ta' Frar elf disa' mija wieħed u sebgħin (1971), u tad-disgħa (9) ta' Jannar elf disa' mija ħamsa u sebgħin (1975), u ieħor waħedha fl-atti tan-Nutar Michael Realo tal-ħamsa (5) ta' Settembru elf disa' mija disgħa u tmenin (1989); (Dokumenti C, D, E, F u G);

3. Illi bis-saħħa ta' dawn it-testmenti hija ma nnominatx eredi, għaliex id-dispożizzjoni li permezz tagħha hija nnominat lil żewġha eredi tagħha ġiet

ineffettiva minħabba li huwa miet qabilha, imma ħalliet b'titolu ta' legat lill-esponenti nomine "is-sehem tagħha kollu mill-biċċa raba msejjħa "Tan-Nenus" limiti Xagħra, Għawdex, konfinanti mill-punent ma' sqaq u rjieħ oħra mhux magħrufa lit-testatriċi";

4. Illi Victoria Spiteri mietet improle (Dok. H), u għalhekk lil Victoria Spiteri wirtuha ħutha jew id-dixxendenti rispettivi tagħhom *per stirpes* fi kwoti ugwali bejniethom;

5. Illi ħut Victoria Spiteri kienu s-segwenti: Ġanni u Ġużepp li twieldu fit-23 ta' Ġunju 1903 u mietu rispettivament fil-15 ta' Frar 1904 u fil-21 ta' Mejju 1904 (Dokumenti I, J, K, L u M), Ġużeppa li twieldet fit-22 ta' Frar 1905, u mietet xebba, u improle, magħrufa bħala Suor Leonilda fil-25 ta' Diċembru 1984 (Dok. N); Mikelina li twieldet fl-24 ta' Ottubru 1907 (Dok. O) li marret tabita l-Awstralja lura fis-snin tletin (1930s) u iktar tard iżżewġet lil Klement Grech; u Karmni li twieldet fit-28 ta' Settembru 1913 (Dok. P), u iktar tard iżżewġet lil Stephen Sultana, u mietet fis-16 ta' Marzu 1999 (Dok. Q) mentri żewġha Serafin Spiteri kien miet qabilha (Dok. R) kif jidher miċ-ċertifikat rilaxxjat mill-Parroċċa tax-Xagħra hawn anness bħala Dok. S;

6. Illi l-esponenti jinnota li huwa ma rnexxielux isib iċ-ċertifikat tal-mewt ta' Ġanni Galea mir-Reġistru Pubbliku u mir-riċerki li għamel fil-Parroċċa tax-Xagħra ottjena ċertifikat tal-mewt ta' persuna indikata bħala "Joanna Galea filia Angelo Galea et Mariae Gauci";

7. Illi l-uniċi ulied ta' Karmni sive Carmela Sultana kienu l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana;

8. Illi l-esponenti ma għandhom l-ebda informazzjoni dwar id-data tal-mewt ta' Mikelina, imma jippreżumu li sal-lum din hija mejta, dwar jekk Mikelina kellhiex ulied, kemm setgħu kienu dawn l-ulied, u dwar fejn dawn jistgħu jinsabu, wisq u wisq inqas dwar l-identità tagħhom;

9. Illi għalhekk l-eredità ta' Vittorja Spiteri ddevolviet kwantu għal nofs indiviż favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana, u nofs indiviż favur Mikelina jew l-eredi mhux magħrufa tagħha;

10. Illi l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana jridu wkoll li huma jiġu mmessi fil-pussess tal-legat imħolli favur tagħhom minn Vittorja Spiteri, liema legat jikkonsisti fir-raba li tinsab indikata aħjar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata dokument T;

Talab lill-konvenut nomine jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara s-suċċessjoni ta' Vittorja armla ta' Serafin Spiteri, bint il-mejtin Angelo Galea u Maria nee' Gauci, li mietet f'Victoria, Għawdex fit-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003) aperta favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana fi kwota ta' nofs indiviż bejniethom, u favur Mikelina fi kwota ta' nofs indiviż l-ieħor;

2. Tikkundannakom sabiex tersqu għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana tas-sehem kollu spettanti lill-imsemmija Vittorja Spiteri mill-biċċa raba msejjħa "Tan-Nenus" limiti Xagħra, Għawdex, konfinanti mill-punent ma' sqaq li tinsab aħjar indikata fuq il-pjanta Dokument T, u dan ad opera tan-Nutar Maria Grima, jew Nutar ieħor in sostituzzjoni tagħha, bl-intervent ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-eventwali kontumaċi fuq dan l-att, f'jum ħin u lok li jiġi ffissat minn din l-istess Qorti.

Bl-ispejjeż kollha kontra tagħkom.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunti.

Rat ir-Risposta ġuramentata tal-konvenut nomine, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi l-esponenti mhuwiex edott sewwa mill-fatti in kawża u qed jirriserva minn issa li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri fil-meritu;

2. Illi fir-rigward tal-eredita' ta' Mikelina Galea kien meħtieġ li qabel ma ġiet istitwita din il-kawża kellha tigi segwita l-proċedura kontemplata taħt it-Titolu VII Subtitoli II & III tal-Ewwel Ktieb tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta fil-każ ta' assenti preżunti mejta bħalma huwa l-każ taħt eżami, li jidher li sal-lum għadha ma saritx u li hija ta' ostakolu għall-proċediment ta' din il-kawża;

3. Illi konsegwentement l-eċċipjenti jżomm ferm il-kap tal-ispejjeż *stante* li l-kawża saret intempestiva fid-dawl tas-sueċċepit u wkoll fin-nuqqas ta' prova li fl-eredita' tagħha hemm assi biżżejjed li jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż ta' din il-kawża;

4. Illi finalment l-atturi jridu jġibu prova li huma l-uniċi eredi ta' Karmni sive Carmela Sultana.

Salvi tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat in-Nota spjegattiva tal-attur nomine tat-12 ta' Marzu 2019, bid-dokument magħha anness.

Rat id-dokuementi l-oħra kollha annessi mar-Rikors.

Rat id-digriet tagħha tal-11 ta' April 2019 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-attur nomine qiegħed jitlob li tiġi dikjarata miftuħa s-suċċessjoni tal-mejta Vittorja armla ta' Serafin Spiteri kwantu għan-nofs indiviż a favur tal-mandanti tiegħu Mary Anne Attard u Angiolina Sultana, u kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor a favur tal-eredi ta' oħta mejta Mikelina Grech nee' Galea. Konsegwentement talab ukoll lill-konvenut nomine jersaq biex jimmetti lil dawn il-mandanti tiegħu fil-pussess ta' sehem l-istess Vittorja Spiteri mill-proprjeta' ndikata fir-Rikors,[1] imħollija lilhom b'legat permezz tat-testment tal-imsemmija Vittorja Spiteri tal-5 ta' Settembru 1989.[2]

Irriżulta li sehem Vittorja Spiteri mill-proprjeta' ndikata fir-Rikors ġie għandha mill-wirt ta' żewġha Serafin Spiteri, li miet qabilha u ħalliha bħala eredi unika tiegħu.[3] Imma peress li Vittorja Spiteri baqgħet ma nnominatx eredi, kien jeħtieġ li ssir l-apertura tas-suċċessjoni tagħha a favur tal-eredi *ex lege* tagħha, biex imbgħad dawn ikun jistgħu jimmettu lill-legatarji fil-pussess tas-sehem li kellha l-istess testatriċi minn din il-proprjeta'.

Irriżulta minn dak li ġie dikjarat fir-Rikors Ġuramentat u d-dokumenti miegħu annessi li dawn l-eredi *ex lege* ta' Vittorja Sultana huma l-istess mandanti tal-attur nomine, u ċioe' Mary Anne Attard u Angiolina Sultana u l-eredi mhux magħrufa ta' Mikelina Grech, kif rappreżentati f'din il-kawża mill-konvenut nomine.

In vista wkoll tal-verbal magħmul mill-konvenut nomine fl-udjenza tal-11 ta' April 2019,[4] ma jibqa' għalhekk l-ebda raġuni għaliex it-talbiet attriċi m'għandhomx jiġu milqugħa.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. Tiddikjara s-suċċessjoni ta' Vittorja armla ta' Serafin Spiteri, bint il-mejtin Angelo Galea u Maria nee' Gauci, li mietet f'Victoria, Għawdex fit-tnejn (2) ta' Diċembru elfejn u tlieta (2003) aperta favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana fi kwota ta' nofs indiviż bejniethom, u favur l-eredi ta' Mikelina Grech nee' Galea fi kwota ta' nofs indiviż l-ieħor;

[1] Ara pjanta esebita bħala Dok.T a fol. 29 tal-proċess;
[2] Ara kopja esebita bħala Dok. G a fol. 14 tal-proċess;
[3] Ara kopja tat-testment unica carta tal-25 ta' Frar 1971, esebita bħala Dok. E a fol. 9 – 10, kif konfermt b'testment ieħor unica carta tad-9 ta' Jannar 1975, esebit bħala Dok. F a fol. 11 – 13; ara wkoll Nota tal-attur nomine tat-12.03.2019 u konvenju tal-4.01. 2019 a fol. 55 – 60;
[4] Ara verbal tal-11 ta' April 2019 a fol. 62.

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex jersaq għall-kuntratt ta' immissjoni fil-pussess favur l-imsemmija Mary Anne Attard u Angiolina Sultana tas-sehem kollu spettanti lill-imsemmija Vittorja Spiteri mill-biċċa raba' msejjħa "tan-Nenus", limiti tax-Xagħra, Għawdex, konfinanti mill-punent ma' sqaq, u li tinsab aħjar indikata fuq il-pjanta Dokument T annessa mar-Rikors Ġuramentat. Għal dan il-fini tinnomina lin-Nutar Kristen Dimech li għandu jippubblika l-att relattiv fl-uffiċċju tiegħu fis-27 ta' Lulju 2019 fl-għaxra ta' filgħodu (10.00a.m.), u lill-istess Avukat Dottor Mario Scerri għall-eventwali kontumaċi.

L-ispejjeż, kemm ta' din il-kawża kif ukoll tal-kuntratt opportun, għandhom, fiċ-ċirkostanzi, jiġu ssoportati mill-attur nomine stess, billi l-eredi ta' Mikelina Grech, kif rappreżentati mill-konvenut nomine, ma huma sejrin jibbenefikaw bl-ebda mod minn din il-proprjeta'.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

06.06.2019 – Sup94.2018 – Azzopardi Fabio noe vs Dr. Scerri Mario noe
1363